## TALBA TAL-ĠEMGĦA

Wara li smajna l-Kelma t'Alla u għamilna l-istqarrija tal-fidi tagħna, ejjew inressqu t-talb tagħna quddiem Alla, li ta ħajtu għalina.

1. Ieqaf Mulej mal-Knisja tiegħek, sabiex f'dan il-jum iddedikat lill-foqra, bil-kliem u bl-għemil tagħti xhieda tal-imħabba kbira li Inti għandek għal kull min qed ibati, speċjalment għall-foqra. Nitolbu.
2. Iftħilna qalbna Mulej ħalli nħossu u nwieġbu għall-ħtiġijiet tal-fqar li jgħixu fis-soċjeta' tagħna u lil hinn minnha. Nitolbu.
3. Eħilsna Mulej minn kull egoiżmu, indifferenza u preġudizzji li jista' jkollna għal min hu fqir. Nitolbu.
4. Agħmel Mulej li l-qalb tagħna ssir tixbah dejjem lill-Qalb Mqaddsa tiegħek, qalb li tħobb, tagħder u tħenn. Nitolbu.
5. Agħtina l-grazzja Mulej, li naraw lilek fil-fqir u f'kull min qed ibati. Nitolbu.
6. Ieqaf Mulej ma' dawk kollha li jaħdmu ma' min hu fil-bżonn u agħtihom il-grazzja li kull ħidma li jwettqu jagħmluha għall-glorja tiegħek. Nitolbu.
7. Ilqa' fi ħdanek Mulej lil ħutna (N.N. u lil dawk kollha) li ddedikaw ħajjithom għall-ħidma fost il-fqar. Nitolbu.

Ilqa' Mulej dawn it-talbiet li qegħdin inressqulek. Aħna nemmnu bi sħiħ fl-imħabba kbira li għandek għal kull min qed ibati l-faqar u l-inġustizzji. Aħna nemmnu wkoll li int taf aħjar minna x'inhu l-ogħla ġid għalina. Għalhekk nintelqu f'idejk. Bi Kristu Sidna. Ammen.

## ATT PENITENZJALI

Int li għandek għal qalbek il-kawża tal-fqir, Mulej ħniena.
Int li għoġbok tidentifika ruħek mal-persuni fqar, Kristu ħniena.
Int li fil-ħniena tiegħek urejtna bil-kliem u bl-għemil x'imħabba kbira għandek għal kull fqir, Mulej ħniena.

Jew

Aħfrilna Mulej tal-indifferenza tagħna lejn il-persuni fqar, Mulej ħniena.
Aħfrilna Mulej tal-preġudizzji li għandna għall-fqar u t-tallaba, Kristu ħniena.
Aħfrilna Mulej tal-kompliċità tagħna mal-inġustizzji li jsiru mal-fqar, Mulej ħniena.

Jew

Aħfrilna Mulej, ta' dawk id-drabi li sfruttajna lill-fqar għall-interessi tagħna, Mulej ħniena.
Aħfrilna Mulej, ta' kemm-il darba ma ħallasniex b'mod ġust lill-ħaddiema, Kristu ħniena.
Aħfrilna Mulej ta' dawk id-drabi li abbużajna mid-dritt għall-proprjetà privata u faqqarna persuni u familji, Mulej ħniena.

### RIŻORSI ONLINE

https://djakonija.org/foqra23

**X'tista ssib:**
verżjoni pdf u aktar hawn